**21 ta' Ottubru,1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Antoine M. Bajada *noe*

*versus*

Manager tad-Dipartiment ta' l-Ilma *noe*

## Mandat maħruġ skond l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 15 - Talba għal Dikjarazzjoni ta' Aggravju - Talba għall-Ħlas ta' Danni.

*Il-konvenut nomine ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid a bażi ta' l-artikolu 466 tal-Kapitolu 15 kontra l-attur nomine. Bil-kawża odjerna l-attur noe qiegħed jattakka l-imsemmi Mandat billi jallega li ġie tabilħaqq aggravat bil-ħruġ u bl-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat u qed jitlob li l-eżekuzzjoni ta' l-istess mandat tkun revokata u qed jirriserva l-azzjoni għad- danni.*

*Minn eżami akkurat ta' l-artikoli 466 sa 468 jidher li l-azzjoni li hi mogħtija bl-art. 468 kontra l-kap tad-dipartiment għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata d-debitur u għall-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern m'għandhiex strettament tkun proposta qabel ma l-kap tad-dipartiment ikun inkassa l-ammont pretiż minnu.*

*Is-sottomissjoni tal-konvenut nomine li t-talba għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li jallega li bata l-attur nomine ma hix proponibbli indipendentement mit-talba għall-ħlas tad-danni dovuti mill-Gvern hi fondata peress li dan joħroġ ċar mid-diċitura ta' l-aħħar parti ta' l-imsemmi art. 468.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* wara li ppremetta li fis-17 ta' Ottubru, 1979, il-konvenut *nomine* talab u ottjena minn din l-Onorabbli Qorti l-ħruġ kontra d-ditta attriċi ta'

Mandat ta' Qbid numru 867/79 (Dok.A) għall-ħlas ta' Lm139.24,8 li hu qal u ħalef kienet dovuta lilu, kwantu għal Lm136.93,7 bħala konsum ta' ilma u elettriku u għal kiri tal-'*meters*' relattivi fil-fond 3, Jetties Wharf, Marsa għall-perjodu minn Jannar 1964 sa Jannar 1975, u kwantu għal Lm2.31,1 bħala drittijiet u spejjez ġjudizzjarji (li tagħhom lanqas ma esebixxa s-solita taxxa) liema Mandat ġie effettivament esegwit; u peress illi l-attur *nomine* jidhirlu li ġie aggravat bil-proċedura użata mill-konvenut *nomine* billi jħoss li l-ammont indikat fil-Mandat ma hux dovut mid-ditta attriċi u qatt ma ingħatalu ċans li jikkontrollah, l-istess attur *nomine* talab li skond dak li jrid u jgħid l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta Proċedura (1) jiġi dikjarat li tabilhaqq l-attur *nomine* ġie aggravat bil-ħruġ u esekuzzjoni tal-fuq imsemmi Mandat ta' Qbid numru 867/79 għar-raġunijiet fuq imsemmija u (2) konsegwentement din il-Qorti tordna r-revoka ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat; b'riserva għall-azzjoni ta' danni u bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine* kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu a fol. 4 sa 15 tal-proċess;

Rat in-nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa:

Preliminarjament l-intempestività ta' l-azzjoni stante li l-ewwel talba għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li jallega li bata l-attur ma hix proponibbli indipendentement mit-talba għall-ħlas tad-danni liema talba ma saritx għax danni għad ma hemmx, waqt li t-tieni talba hija dipendenti fuq l-ewwel talba, u għalhekk jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

*Omissis*;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut *nomine;*

Eżaminat bir-reqqa l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-Avukati;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut *nomine* ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fis-17 ta' Ottubru 1979 a bażi ta' l-artikolu 466 tal-Kapitolu 15 kontra l-attur *nomine* għas-somma ta' Lm139.24,8 dovuta.....

*Omissis;*

Illi bil-kawża odjerna l-attur *nomine* qiegħed jattakka l-imsemmi Mandat billi jallega li ġie tabilhaqq aggravat bil-ħruġ u bl-esekuzzjoni tal-fuq imsemmi Mandat u qed jitlob li l-esekuzzjoni ta' l-istess Mandat tiġi revokata u qed jirriserva l-azzjoni għad-danni;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti s-setgħa lill-kwalunkwe Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li jitlob u jottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ id-debitur meta l-istess Kap ikun irid jaġixxi għall-ħlas ta' xi kreditu, u dan a bażi ta' sempliċi dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu. L-artikolu sussegwenti jiddisponi li meta l-Mandat jiġi esegwit, il-ħwejjeġ maqbuda jiġu rkantati u mibjugħa bla ma jkun hemm bżonn li l-kreditu jiġi kanonizzat b'sentenza. Jiddisponi ukoll li r-rikavat tal-bejgħ jew irkant

jingħata lill-esekutant. L-artikolu 468 jipprovdi li ma tistax issir opposizzjoni għall-esekuzzjoni tal-Mandat jew għall-izbank imsemmi, però, id-debitur esekutat jidhirlu li ġie aggravat bil-proċedura esekuttiva adoperata għandu d-dritt li jaġixxi kontra l-kap tad-Dipartiment "għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata u għall-ħlas tad-danni minn għand il-Gvern";

Illi jidher li għajn ta' dawn it-tlett artikoli huma l-artikoli 6 u 7 tal-Proċedura N.I. tal-10 ta' Frar 1815. Dawn l-artikoli ġew abrogati bl-artikolu 1023 tal-Kodiċi ta' Liġijiet ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili anness mal-Ordinanza No. IV tal-1854. Però, fl-istess Kodiċi jinstabu l-artikoli 486, 487, u 488 li jikkorrispondu mal-artikoli 466, 467 u 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili viġenti;

Illi fl-isfond tal-leġislazzjoni preċedenti u minn eżami akkurat ta' l-artikoli 466 sa 468 imsemmija jidher li l-azzjoni li hi mogħtija lid-debitur bl-artikolu 468 u cioè kontra l-kap tad-dipartiment għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata d-debitur u għall-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern, m'għandhiex strettament tkun proposta qabel ma l-kap tad-dipartiment ikun inkassa l-ammont pretiz minnu. Altrimenti, il-vantaġġ li ġie mogħti l-Gvern bil-proċedura speċjali indikata fl-imsemmija artikolu faċilment tkun frastornata u minflok effett esekutiv il-Mandat ta' Kap ta' dipartiment tal-Gvern maħruġ a tenur l-artikolu 466 ikollu effett ftit differenti minn sempliċi mandat kawtelatorju li jista' jinħareġ fuq talba ta' kwalunkwe kreditur;

Illi fil-fehma tal-Qorti, is-sottomissjoni tal-konvenut *nomine* li t-talba għad-dikjarazzjoni ta' l-aggravju li jallega li bata l-attur *nomine* ma hix proponibbli indipendentement mit-talba għall-ħlas tad-danni dovuti mill-Gvern hi fondata peress li

dan joħrog ċar mid-diċitura ta' l-aħħar parti ta' l-imsemmi artikolu 468;

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* cjoè dik ta' l-intempestività ta' l-azzjoni odjerna tidher ġustifikata;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* u għalhekk tillibera l-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju - bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*.